MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2014

Numru. 1149/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Frankie Sammut)**

**vs.**

**Karim Barry**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet – kif korretti b'digriet ta' din il-Qorti tal-lum stess - migjuba kontra Dukureh Yankouba, ta' 19-il sena, imwieled il-Gambia fit-12 ta' Dicembru 1995, iben Amadu u Faithima nee Gallo, residenti Hal Far Open Centre, numru tal-Pulizija 13W-102.

Akkuzat:

1. Talli fil-21 ta' Novembru 2014 u jew fil- granet ta' qabel f' Malta iffalsifika, biddel jew għamel xi tibdil f'Passaport jew dokument, jew uża jew kellhu fil-pussess tiegħu xi Passaport jew dokument, li hu kien jaf li ġew iffalsifikati, imbiddla jew sar xi tibdil fihom f'isem Karim Barry (Kap 61, Sec 5 tal-Liġijiet ta' Malta);

2. Talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi għamel falsifikazzjoni oħra jew xjentement għamel użu minn xi dokumenti oħra iffalsifikati, fid-dokumenti fuq imsemmija (Kap 9, Sec 189 tal-Liġijiet ta' Malta);

3. Talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi iffalsifika xi dokumenti jew kopji vera ta' dokumenti jew reġistrazzjonijiet magħmula skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni (Kap 217, Sec 32(1d) tal-Liġijiet ta' Malta).

Wara li semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz il-kunsens moghti mill-Avukat Generali bis-sahha ta' l-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali, sabiex dan il-kaz jigi ttrattat bil-procedura sommarja, u wara li rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Wara li rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri.

Il-Qorti wissiet lill-imputat Karim Barry bil-konsegwenzi serji tal-ammissjoni tieghu u senjatament li l-piena massima ghall-imputazzjonijiet dedotti kontrih iwasslu ghal piena ta' sentejn prigunerija u multa ta' hdax-il elf sitt mija sitta u erbghin Ewro u seba' u tmenin centezmu (€11,646.87), u wara li l-Qorti tat lill-imputat hin adegwat biex jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu u jara jekk iridx jirrevedi l-posizzjoni tieghu, l-imputat rega' kkonferma l-ammissjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi migjuba u mill-ammissjoni ta' l-imputat stess, il-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputat, u l-fatt li huwa ikkopera mal-pulizija.

Illi l-fedina penali ta' l-imputat hija netta, ghalkemm irid jinghad illi hu ilu biss sena u xahar hawn Malta.

Ikkunsidrat ukoll li ghal fini ta' piena, it-tieni u t-tielet imputazzjoni huma assorbiti fl-ewwel imputazzjoni, bl-applikazzjoni tat-teorija tal-konkors formali jew ideali tar-reati.

Fis-sentenza **The Police vs David Abekunde et** deciza fid-9 ta' Gunju 2009, il-Qorti tal-Appell Kriminali irriteniet illi "*The Court must make it absolutely clear at the outset that it considers border security to be a very important and a very serious matter, and that any attempt to bypass, breach or otherwise circumvent such security by means which are illegal must consequently be regarded as a very serious offence..... This Court is of the view that as a general rule, such cases should be met with a prison sentence with immediate effect and that always as a general rule, anything short of an immediate prison sentence amounts to a very myopic view of the whole issue of border security… …*"

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 5 tal-Kapitolu 61, l-Artikolu 189 tal-Kapitolu 9 u l-Artikolu 32(1)(d) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal piena ta' sitt (6) xhur prigunerija effettivi.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------